



# KESE info

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

Frar 2019 | MT

### Lingwi Disponibbli:

bg cs da de el en es et fi fr hr hu it lt lv mt nl pl pt ro sk sl sv

### Editorjal



#### **Better the balance, better and the EU (Bilanċ aħjar, UE aħjar)**

Għeżież qarreja,

Bosta pajjiżi Ewropej f'dawn l-aħħar snin iċċelebraw jew dalwaqt se jikkommemoraw iċċentenarju tal-għoti tad-drittijiet tal-vot lin-nisa. Din hija rebħha li nkisbet permezz ta' battalji twal, diffiċli u u xi kultant imdemmin, mill-ġenerazzjonijiet ta' nisa li ġew qabilna. X'inhu l-aħjar mod biex niċċelebraw dan il-mument sinifikanti fl-istorja tas-soċjetajiet tagħna jekk mhux billi neżerċitaw dan id-dritt ilkoll flimkien?

L-elezzjonijiet Ewropej dalwaqt se joffrulna din il-possibbiltà. Il-KESE huwa impenjat li jappoġġja l-isforzi tal-Parlament Ewropew biex iħeġġeġ parteċipazzjoni qawwija taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. B'dan il-ħsieb, lejlet il-Jum Internazzjonali tan-Nisa 2019, nixtieq niddedika dan l-isparju għall-importanza ta' parteċipazzjoni massiva tan-nisa tal-Ewropa f'dawn l-elezzjonijiet.

L-UE hija s-sors ta' għadd kbir ta' [liġijiet u miżuri](#) li taw kontribut għat-tiħiñ tad-drittijiet tan-nisa, għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi - miżuri li jirċievu l-appoġġ kollu tal-KESE. Barra minn hekk, l-UE għamlet l-assimilazzjoni ta' dan l-acquis kriterju ewlieni biex pajjiż li jaspira li jsir parti mill-Unjoni jkun jista' jissieħeb. Barra minn hekk, [it-ħassib dwar id-dgħajfien ta' dawn id-drittijiet espress fir-Renju Unit](#) matul id-dibattitu dwar il-Brexit juri r-rwol protettiv tal-UE f'dan il-qasam.

Madankollu, fir-realtà tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi membri tagħna għad hemm ħafna xi jsir biex l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi tiġi tradotta f'ugwaljanza de facto. Biex jingħalqu d-differenzi akuti u persistenti fil-pagi ([medja ta' 16 % fl-UE fl-2016](#)) li jmorru kontra kwalunkwe regola teoretika. Għal opportunitajiet indaqs ġenwini. Għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-vjolenza kontra n-nisa madwar l-Ewropa kollha. Mhuwiex biżżejjed li l-UE "tagħmel l-affarijiet għan-nisa", jeħtieġ ukoll li n-nisa "jagħmlu affarijiet fl-UE".

L-isproporzjon bejn l-irġiel u n-nisa mhuwiex limitat għal bordijiet tan-negozju jew l-hekk imsejħa setturi "STEM" (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika), [fejn baqa' prattikament l-istess għal aktar minn għaxar snin](#). Dan l-isproporzjon huwa preżenti wkoll fl-istituzzjonijiet, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE. Għalkemm 37.4 % tal-MPEs fil-Parlament Ewropew huma nisa ([ma jistax jingħad l-istess għall-Kummissjoni \(9 Kummissarji nisa minn 28\)](#)), jew għall-Qorti tal-Ġustizzja ([5 imħallfin nisa minn 28](#)) biex ma nsemmux il-Kunsill, fejn il-kompożizzjoni tiegħu tiddependi b'mod aktar dirett mill-Istati Membri. Anke fil-KESE, għalkemm hemm żewġ Viċi Presidenti nisa, il-membri nisa jirrappreżentaw 27.6 % biss tal-membri.

Għalhekk in-nisa għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-kampanja elettorali — bħala votanti u kandidati — biex jiġi żgurat livell għoli ta' rappreżentanza fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jingħata kontribut għall-ħolqien ta' Ewropa aktar bilanċjata. Biex nagħti parafrasi ta' waħda mit-temi ewlenin ta' dan il-Jum Internazzjonali tan-Nisa 2019, *Better the balance, better the EU (Bilanċ aħjar, UE aħjar)*.

**Isabel Caño**

Viċi President għall-Komunikazzjoni

### Dati tad-Djarju

06-07/03/2019, Brussell

## Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari 2019: Stejjer ta' Suċċess u Sfidi ġodda

15/03/2019, Brussell

### Jum Ewropew tal-Konsumatur 2019

20- 21/ 03/2019, Brussell

>Sessjoni plenarja tal-KESE

21- 22/ 03/2019, Brussell

#YEYSturns10: Ivvota għall-futur!

## Fil-qosor

### “Is-soċjetà ċivili għar-rEUnaissance” X'Ewropa rridu wara l-elezzjonijiet tal-PE?



Fuq stedina ta' **Luca Jahier**, il-President tal-KESE, fil-21 ta' Frar ser jiġi organizzat l-avveniment bit-titolu *Is-soċjetà ċivili għar-rEUnaissance*. Id-dibattiti ser jippermettu lis-soċjetà ċivili organizzata ssemma' leħinha u ser jagħtu lok lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jesprimu l-aspettattivi u x-xewqat tagħhom u jaqsmu l-viżjoni tagħhom tal-Ewropa għall-perjodu ta' wara l-elezzjonijiet Ewropej.

Bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-KESE, din il-lagħha ser tkun l-okkażjoni ta' riflessjoni flimkien dwar il-ġejjieni tal-Ewropa. Għal dan l-avveniment hija kkonfermata l-parteċipazzjoni ta' żewġ żgħażaġħ attivisti: **Greta Thunberg**, Svediża, magħrufa għall-attiviżmu ekoloġiku tagħha bl-islogan: *Strajk tal-iskejjel favur il-klima*, u **Madeleine Kay**,

mir-Renju Unit, imsejja *EU Supergirl*, li toponi b' mod determinat il-Brexit.

Id-dibattiti ser isiru f'żewġ partijiet: filgħodu (9 a.m. san-12.30 p.m.), il-Presidenti tal-istituzzjonijiet tal-UE, **Jean-Claude Juncker** (Kummissjoni Ewropea), **Antonio Tajani** (Parlament Ewropew), **Karl-Heinz Lambertz** (Kumitat tar-Reġjuni), ser ikollhom skambju ta' fehmiet flimkien mal-mistednin tal-avveniment. Ser jiddibattu mal-mexxejja tal-organizzazzjonijiet u l-movimenti Ewropej bħal: **Business Europe**, il-Konfederazzjoni Ewropea l tat-Trade Unions (**KES/KETU**), **Europa Nostra** u **CIVICO**. Il-Presidenti tal-Kumitati Ekonomiki u Soċjali tal-Greċja, l-Italja, il-Bulgarija u Malta ser jagħtu l-kontribut tagħhom ukoll dwar il-ġejjieni tal-Ewropa.

Is-sessjoni ta' waranofsinar ser tinkludi 7 workshops dwar, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet tajbin għall-intrapriżi, l-iżvilupp sostenibbli, l-edukazzjoni, id-drittijiet fundamentali, il-valuri Ewropej, il-ġejjieni tas-suq tax-xogħol, il-kultura u l-paċi. Il-konklużjonijiet ta' dawn il-workshops ser iservu ta' bażi għall-opinjoni tal-KESE dwar l-Ewropa tal-ġejjieni, eżatt qabel l-elezzjonijiet Ewropej.

[Inholgot paġna web](#) dwar l-avveniment, bil-hashtag **#Eucivilsociety** għall-finijiet ta' komunikazzjoni fin-netwerks soċjali.

Fil-21 ta' Frar 2019, 9 a.m. - 12.30 p.m., fil-bini Charlemagne, 170 rue de la Loi

2.30 p.m.- 6 p.m. fil-KESE, 99, rue Belliard, bini Jacques Delors (ehp)

### Studenti madwar l-Ewropa jilqgħu lill-membri tal-KESE bi tħejjija għall-avveniment L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!



#### L-elezzjonijiet Ewropej 2019

**Matul Frar, membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew qed iżuru [tlieta u tletin skola](#) biex iħejjuhom għall-avveniment *L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!* (YEYS), l-assemblea taż-żgħażaġħ li issa tinsab fl-għaxar sena tagħha u qed issir fi Brussell bis-slogan "#YEYSturns10: Vote for the future!"**

L-studenti ta' bejn 16 u 18-il sena se jiġu **Brussell fil-21 u t-22 ta' Marzu** biex jiddiskutu l-fehmiet, it-tamiet u l-aspettattivi tagħhom dwar l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss bħala parti mill-**#YEYSturns10 plenary**. Il-parteċipanti se jivvutaw dwar tliet proposti biex jitqiesu mill-Parlament Ewropew [fil-kampanja tiegħu għall-elezzjonijiet Ewropej](#).

Barra minn hekk, ir-rapport finali prodott mill-YEYS se jitqies mill-Parlament Ewropew bħala dikjarazzjoni min-naħa taż-żgħażaġħ Ewropej dwar "x'tip ta' Ewropa jixtiequ jgħixu fiha".

It-33 skola li qed jieħdu sehem intgħażlu minn fost rekord ta' 1038 applikazzjoni, permezz ta' sistema elettronika għat-tluġ tal-ismijiet. Se jkunu involuti skola waħda minn kull wieħed mit-28 Stat Membru tal-UE u l-ħames pajjiżi kandidati (l-Albanija, L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija).

L-avveniment jissejjaħ *L-Ewropa Tiegħek, Leħnek!*, u qed jiġi organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-leħen tas-

soċjetà ċivili fil-livell Ewropew. Huwa l-avveniment ewlieni tal-Kumitat għaż-żgħażgħ.

Aktar dettalji dwar il-YEYS2019 huma disponibbli fuq is-sit web, u tista' tara l-vidjow tal-YEYS 2018 [here](#). (ks/dgf)

## Aħbarijiet tal-KESE

### [Michel Barnier fil-KESE: "L-aġar ħaġa għall-Ewropa hija s-silenzju"](#)



**Il-Kap Negozjatur tal-UE għall-Brexit, Michel Barnier, attenda l-540 sessjoni plenarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jispjega l-fehmiet tal-UE dwar il-ftehim tal-Brexit u x-xenarji futuri possibbli.**

**Il-President tal-KESE, Luca Jahier, feraħ lis-Sur Barnier għall-ħidma li wettaq u enfasizza li l-KESE kien impenjat b'mod qawwi lejn is-soċjetà ċivili tar-Renju Unit: "Il-KESE huwa mħejji sew għal kwalunkwe xenarju futur u se jikkonsolida r-relazzjoni tiegħu mal-kontropartijiet Brittaniċi tagħna."**

**Is-Sur Barnier wissa li l-Ewropa kellha titħejja għal xenarju ta' "no-deal". "Ikun xi jkun l-eżitu, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata se jkollhom rwol deċiżiv biex iqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini",** żied jgħid.

#### **Il-"garanzija ta' kontinġenza"**

Il-membri tal-KESE talbu għal pożizzjoni soda dwar il-"garanzija ta' kontinġenza", li xi wħud irreferew għaliha bħala t-tieni l-aħjar soluzzjoni għall-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li l-ewwel waħda kienet li tibqa' fl-UE.

Is-Sur Barnier saħaq li kienet responsabbiltà tiegħu li jsołvi l-problemi għall-UE "Ma nixtqux nużaw il-garanzija ta' kontinġenza. Din hija komparabbli mal-assigurazzjoni ta' darek - inti tħallasha iżda tittama li ma jkollokx tużaha." Kien ir-Renju Unit li ried joħroġ mill-Unjoni u kien il-Brexit li kien qed jikkawża problemi għall-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Il-garanzija ta' kontinġenza kienet dwar persuni li kellhom bżonn is-sigurtà. U fl-aħħar nett, il-fruntiera fl-Irlanda kienet ukoll il-fruntiera ta' 27 pajjiż u l-fruntiera tas-Suq Uniku.

**Għalhekk din kienet kwistjoni Ewropea.**

**"Il-Brexit m'għandu l-ebda valur miżjud"**, temm jgħid is-Sur Barnier. "Madankollu m'għandniex inħawdu l-konsegwenzi mal-lezzjonijiet tal-Brexit. Għandna nagħmlu distinzjoni wkoll bejn il-populiżmu u l-emozzjonijiet popolari. L-aġar ħaġa hija s-silenzju. Irridu nsemmgħu leħinna; jeħtieġ niftħu d-dibattitu. Jista' jkollna opinjonijiet differenti, iżda għandna nkomplu nitkellmu, għaliex il-populisti jużaw is-silenzju kontra l-Ewropa." (sma)

### [Il-Brexit mingħajr l-ebda ftehim jhedded il-vijabbiltà tal-industrija tal-ajrunawtika u tal-kimika kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-UE](#)



**F'diskussjoni ta' livell għoli dwar l-impatt tal-Brexit fuq l-industrija tal-ajrunawtika u tal-kimika, organizzata mill-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) fil-KESE, il-kelliema qablu li r-Renju Unit għandu jibqa' allinjat mal-liġijiet tal-UE u li, għas-sustanzi kimiċi, ir-regolament REACH kien kruċjali. Fir-rigward tal-industrija tal-ajrunawtika, għandhom jiġu stabbiliti ftehimiet dwar ir-reċiproċità fl-aktar oqsma importanti u l-perjodu ta' tranżizzjoni ppjanat għandu jiġi estiż għal tal-inqas ħames snin.**

"Huwa kruċjali li jinstabu soluzzjonijiet ta' reċiproċità għas-setturi ewlenin" wissa **Jan Pie**, Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija Ajrunawtika u tad-Difiża tal-Ewropa (ASD), li talab perjodu ta' tranżizzjoni itwal. Fil-biċċa l-kbira, l-impatt tal-ebda ftehim se jkun fuq il-katina tal-provvista peress li l-kunsinna eżatt fil-ħin teħtieġ katina tal-provvista bla xkiel. Il-

komponenti spiss ikollhom jaqsmu l-Kanal Ingliż kemm-il darba qabel ma finalment jiġi mmuntat il-prodott. L-imblukkar li jnvolvi biss oġġett wieħed jista' jwaqqaf il-katina tal-provvista kollha. L-istess jgħodd ukoll għall-moviment tal-ħaddiema: l-ispeċjalisti li jeħtieġ li jiċċaqalqu malajr bejn il-Gran Brittanja u l-UE. **It-tħassib ewlieni għall-intrapriżi huwa d-diverġenza bejn ir-regolamentazzjoni tal-UE u tar-Renju Unit.**

Ftehim dwar il-Brexit huwa ukoll indispensabbli għall-industrija tal-kimika, enfasizza **Ian Cranshaw**, il-kap tal-kummerċ internazzjonali fl-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Kimika (CIA). Bi dħul ta' GBP 18-il biljun, flimkien ma' 150 000 impjeg dirett u 500 000 impjeg indirett, l-industrija tal-kimika hija ta' importanza kruċjali għar-Renju Unit. Dak li l-industrija għandha bżonn l-aktar huwa ċ-ċertezza. L-organizzazzjoni tas-Sur Cranshaw għamlet sħarriġ tal-kumpaniji li tirrappreżenta u **l-ebda kumpanija ma qalet li l-Brexit se jkun ta' benefiċċju għalihom.**

"It-tagħlima li nistgħu nieħdu min din is-sitwazzjoni hija li nikkomunikaw aħjar il-kisbiet tas-Suq Uniku u l-bosta vantaġġi - kemm għall-industrija kif ukoll għaċ-ċittadini - li ġġib magħha l-isħubija fl-UE," ikkonkludiet tgħid Lucie Studničná, President tas-CCMI.

**Il-mistoqsija dwar min se jibbenefika mill-Brexit fl-aħħar mill-aħħar għadha mingħajr tweġiba.** (sma)

### [Il-KESE ser jappella għar-rikonoxximent legali tal-attivitajiet filantropiċi fl-UE](#)

Il-kontribuzzjonijiet minn sorsi filantropiċi fl-Ewropa jammontaw għal kważi EUR 90 biljun kull sena, iżda għall-kuntrarju tal-kumpaniji kummerċjali, il-fondazzjonijiet filantropiċi jew id-donaturi privati ma jistgħux igawdu l-benefiċċji tas-suq uniku Ewropew, li jagħmilha diffiċli għalihom biex jestendu x-xogħol karitattiv tagħhom b'mod transkonfinali.



Fis-seduta ntqal li, madankollu, l-importanza tal-attivitajiet filantropiċi żdiedet u dawn jistgħu jintużaw biex jikkomplementaw il-finanzjament f'ħafna oqsma fejn l-appoġġ pubbliku huwa nieqes. [Filantropija Ewropea: potenzjal mhux sfruttat](#), li saret mill-KESE fis-16 ta' Jannar.

Is-seduta laqqgħet għadd ta' organizzazzjoniet u individwi filantropiċi, li l-fehmiet tagħhom ser jipprovdu kontribut siewi għal Opinjoni dwar il-filantropija Ewropea li qed titfassal mill-KESE fuq talba tal-Presidenza Rumena tal-UE.

*"Se nkunu qed nitolbu għal qafas legali li jkopri l-iżvilupp tal-attivitajiet filantropiċi u biex l-organizzazzjonijiet filantropiċi jingħataw l-istess status bħal dak tal-kumpaniji kummerċjali,"* qal **Petru Dandea**, ir-relatur tal-opinjoni.

Hemm madwar 150 000 fondazzjoni ta' beneficiċċju pubbliku fl-Ewropa b'impenn finanzjarju ta' EUR 87 biljun, li jammonta għal aktar mill-baġit tad-dħul ta' 15-il Stat Membru.

Il-KESE jqis ukoll li l-attivitajiet filantropiċi għandhom ikunu trasparenti u definiti b'mod ċar u li l-filantropija bl-ebda mod m'għandha tissostiwixxi s-sistemi ta' protezzjoni soċjali pubbliċi jew tiffaċilita l-evażjoni mit-taxxa. (II)

## [II-KESE jħeġġeġ ir-riforma tad-WTO b'konformità mal-valuri tal-UE](#)



**Fis-sessjoni plenarja tiegħu fl-24 ta' Jannar, til-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni li titlob riforma ambizzjuża tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ sabiex tingħeleb il-kriżi attwali filwaqt li jiġu enfasizzati l-valuri tal-UE u r-rwol ewlieni tal-UE fis-sostenibbiltà.**

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) hija l-organizzazzjoni globali li tittratta r-regoli tal-kummerċ bejn in-nazzjonijiet, iżda l-iżviluppi reċenti fil-kummerċ internazzjonali għamlu x-xogħol tagħha diffiċli. Kif [Emmanuelle Butaud-Stubbs](#), ir-relatur tal-opinjoni tal-KESE irrimarkat, ir-riformi proposti jridu jkunu *"f'konformità mal-valuri tal-UE u mar-rwol li tista' taqdi fix-xena tal-kummerċ dinji, u torbot l-investiment mal-iżvilupp"*.

L-opinjoni tinkludi proposti biex jinżamm il-Korp tal-Appell tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO billi jiġi estż il-mandat tal-imħallfin attwali bħala rimedju temporanju għas-sitwazzjoni preżenti, u jinżied l-għadd ta' mħallfin minn sebgħa għal disgħa u jsir provvediment għar-reklutaġġ ta' mħallfin indipendenti full-time.

**Karl Brauner**, id-Deputat Direttur Ġenerali tad-WTO, ħa sehem fid-dibattitu fis-sessjoni plenarja tal-KESE u kkonfermaw l-importanza li l-Korp tal-Appell jinżamm operattiv: *"Jekk dan jintemm, ir-regoli tal-kummerċ dinji ma jibqgħux infurzabbli. L-istat tad-dritt ikun sostitwit mill-ftehim tal-ġurnata u l-poter jipprevali fuq il-legalità"*.

Il-KESE jissuġġerixxi wkoll azzjoni addizzjonali dwar il-protezzjoni tad-data, l-istandards tas-sikurezza tal-ikel u l-benessri tal-annimali u l-istandards ambjentali fil-produzzjoni agrikola. Barra minn hekk, l-opinjoni tirrakkomanda parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili fil-ħidma tad-WTO, pereżempju permezz tal-użu tal-Forum Pubbliku tad-WTO, fil-forma ta' assemblea bbilanċjata u rappreżentattiva ta' partijiet interessati ekonomiċi u soċjali mis-setturi u l-interessi kollha differenti.(dgg)

## [Is-soċjetà ċivili trid tissorvelja l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE aktar mill-qrib](#)



**Matul is-sessjoni plenarja tiegħu ta' Jannar, il-KESE adotta opinjoni strengthening dwar it-tiżiħ tar-rwol tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles iffirmati mill-Unjoni Ewropea. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi diġà huma responsabbli biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli u l-istandards tax-xogħol, iżda l-KESE jixtieq jestendi dan ir-rwol ta' monitoraġġ għall-aspetti kollha tal-ftehimiet, inklużi d-dispożizzjonijiet ewlenin tal-kummerċ.**

Il-KESE jemmen li l-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'kull tip ta' ftehim hija essenzjali, mhux biss għal skopijiet ta' monitoraġġ, iżda wkoll sabiex jinkisbu l-aspirazzjonijiet strateġiċi tagħhom. Dan għandu jsir permezz ta' korp wieħed għall-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili li jinkludi ż-żewġ naħat tal-ftehim. [Alberto Mazzola](#), ir-relatur tal-opinjoni, irrimarka li *"l-UE illum tiffaċċja domanda dejjem tikber għal djalogu kostruttiv mas-soċjetà ċivili dwar il-kummerċ, kif seħħ bis-CETA u t-TTIP, u l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi huma mod tajjeb ħafna kif ikun hemm konnessjoni maċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ"*.

Dan ir-rwol tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandu jkun akkumpanjat minn dispożizzjonijiet oħrajn dwar il-funzjonament tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi attwali u futuri. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandhom jiggwarantixxu wkoll rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-interessi tas-soċjetà ċivili u għandhom ikunu jistgħu jinvolvu u jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati esterni.

Bħalissa hemm tmien Gruppi Konsultattivi Domestiċi attivi b'27 membru tal-KESE. Ħamsa oħra huma mistennija li jiġu stabbiliti sal-2021 u jistgħu jiġu stabbiliti aktar gruppi fil-futur. Il-KESE jistenna li l-ispiża tal-involviment tiegħu fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi ser tirdoppja matul it-tliet snin li ġejjin u tittriplika biex tkopri l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li qed jiġu nnegożjati bħalissa. (dgg)

## [Dibattitu tal-KESE mal-Presidenza Rumena: wasal iż-żmien biex nerġġu nqarrbu lin-nies lejn l-Ewropa](#)

Is-sessjoni plenarja ta' Jannar tal-KESE ospitat dibattitu mal-Prim Ministru tar-Rumanija, **Vasilica-Viorica Dăncilă**, dwar il-prijoritajiet tal-presidenza Rumena tal-UE għall-ewwel semestru tal-2019. Il-President tal-KESE **Luca Jahier** enfasizza



## **kemm huwa importanti, lejliet l-elezzjonijiet tal-UE, li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-poplu Ewropew fil-politika.**

Il-proċess ta' integrazzjoni tal-UE jeħtieġ li jkun mifhum, possedut u appoġġjat aħjar minn dawk li huma l-aktar importanti, il-poplu tal-Ewropa. *"Il-Futur tal-Ewropa ser jiġi diskuss waqt is-Summit ta' Sibiu f'data simbolika: id-9 ta' Mejju 2019, Jum l-Ewropa. Dan huwa l-aħħar mument, qabel l-elezzjonijiet, biex tintwera Ewropa magħquda u b'saħħitha, li tkun qrib iċ-ċittadini kollha tagħha u li hija determinata li tiegħu azzjoni kuraġġuża",* qal **is-Sur Jahier**. "Għandna bżonn mhux biss politiki tal-UE aktar effettivi, iżda wkoll narrattiva ġdida u pożittiva biex iċ-ċittadini jerġgħu jingħaqdu mal-proġett Ewropew u terġa' tinkiseb il-fiduċja tagħhom fil-politika, billi tissaħħaħ il-koeżjoni u jiġu miġġielda t-tendenzi populistici," żied jgħid.

**Is-Sinjura Dăncilă** esprimiet id-determinazzjoni tagħha li tagħmel progress sinifikanti dwar l-aktar kwistjonijiet urġenti li l-Unjoni qed tiffaċċja bil-għan li ssaħħaħ l-unità, il-koeżjoni, is-solidarjetà u l-ekwità. Hija affermat mill-ġdid ukoll l-impenn qawwi tal-presidenza tal-UE tal-pajjiż tagħha lejn il-valuri Ewropej u li tisma' leħen il-poplu Ewropew dwar id-direzzjoni li l-Unjoni għandha ssegwi. *"Din hija prijorità għall-Presidenza Rumena. Se nippreżentaw soluzzjonijiet u nieħdu deċizzjonijiet li jkunu kemm jista' jkun qrib taċ-ċittadini u r-realtajiet tas-soċjetajiet tagħna. Huwa biss billi iċ-ċittadini jiġu involuti b'mod kostanti li nkunu nistgħu nżommu l-Ewropa b'saħħitha u koeżiva,"* qalet. *Il-Koeżjoni, valur Ewropew komuni* hija fil-fatt il-motto tal-presidenza. (mp)

## **Il-minoranzi konjittivi jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol ta' għada**



**Lura f'Jannar, is-Sezzjoni TEN tal-KESE** kellha preżentazzjoni dwar kif jista' jiġi sfruttat il-potenzjal ta' "minoritajiet konjittivi" - persuni b'awtiżmu b'livell għoli ta' funzjonament, iperattività, dislessija u disprassja - biex tiġi indirizzata d-domanda għal ħiliet tekniċi li hawn nuqqas tagħhom, u b'hekk jiġu mgħejjuna wkoll jintegraw fis-soċjetà.

**Hugo Horiot**, l-awtur tal-ktieb *Autisme, j'accuse!* u li hu awtistiku hu stess, innota li hemm *"ħafna oqsma niċċa fejn ikunu meħtieġa ħiliet tekniċi ta' livell għoli iżda li diffiċli jinstabu, peress li s-sistema tirrifjuta lill-grupp konjittivi li jipprovdi dawk il-ħiliet"* "għandna bżonn nħeġġu lin-negozji u lill-istituzzjonijiet biex jistabbilixxu metodi oħra ta' reklutaġġ u ta' evalwazzjoni minbarra l-mudelli standard ibbażati fuq il-ħiliet soċjali."

Skont għadd ta' stimuli, madwar 65% tat-tfal tal-iskola tal-lum se jintalbu jwettqu xogħol li bħalissa ma jeżistix u l-kumpaniji se jsibuha dejjem aktar diffiċli biex isibu l-ħiliet li jkollhom bżonn. L-isfruttar tal-potenzjal tal-minoritajiet konjittivi mhux biss ikun jipprovdi kontribut essenzjali għas-soċjetà tagħna iżda joffri wkoll opportunità ta' integrazzjoni soċjali għal persuni li għandhom tip differenti ta' intelliġenza. *"Grupp fis-soċjetà li huwa mċaħħad minn kwalunkwe prospettivi se jkun qed jingħata opportunità li jikkontribwixxi għas-soċjetà tagħna*

*b'modi innovattivi,"* qal **is-Sur Horiot**.

Li ngħarfu li l-bnedmin kollha huma komplementari u jistgħu jikkontribwixxu għas-soċjetà f'diversi modi huwa fundamentali. *"Aħna lkoll differenti minn xulxin,"* qal il-President tas-Sezzjoni TEN **Pierre Jean Coulon**. *"Madankollu, hemm differenzi li huma kkunsidrati aċċettabbli għalhekk ma jdejqu jew jaffettwaw lil ħadd u, min-naħa l-oħra, hemm differenzi li ma naċċettawx. Dan huwa l-każ tan-newrodiversità,"* huwa temm jgħid.(mp)

## **Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' ċentru Ewropew għaċ-ċibersigurtà**



**Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħloq ċentru Ewropew ta' kompetenza industrijali, teknoloġika u tar-riċerka fil-qasam taċ-ċibersigurtà u netwerk ta' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni.** L-għan huwa li l-Unjoni tiġi megħjuna tiżviluppa kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fir-rigward taċ-ċibersigurtà u tiżdid il-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni.

F' **Opinjoni** adottata fis-sessjoni plenarja ta' Jannar u mfaßla minn **Antonio Longo** u **Alberto Mazzola**, il-KESE jenfasizza li l-proposta tal-Kummissjoni hija pass importanti lejn l-iżvilupp ta' strateġija industrijali għaċ-ċibersigurtà u mossa strateġika biex tinkiseb awtonomija diġitali robusta u komprensiva. Dawn l-aspetti huma essenzjali għat-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' difiża tal-Ewropa fil-konfront tal-gwerra ċibernetika fis-seħħ li thedded li timmina s-sistemi politiċi, ekonomiċi u soċjali.

*"Is-soċjetà tagħna hija affettwata kollha kemm hi. F'għaxar snin biss, rajna żieda esponenzjali ta' attacchi ċibernetiċi madwar id-dinja minn 800 000 għal 8 miljuni,"* enfasisza **s-Sur Longo**. *"Aħna nappoġġjaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni li għandha l-għan li twaqqaf ċentru ta' kompetenza li jikkoordina iċ-ċentri nazzjonali u li jaġixxi bħala punt ta' referenza għall-komunità taċ-ċibersigurtà,"* żied jgħid.

Šhubija pubblika-privata dwar iċ-ċibersigurtà hija pedament tal-istrateġija. *"Aħna favur l-estensjoni tas-šhubija għall-inklużjoni tal-industrija abbażi ta' impenji sodi mil-lat xjentifiku u ta' investment. Aħna nappoġġjaw approċċ tripartitiku li jinvolvi lill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-kumpaniji,"* kompli **s-Sur Mazzola**. *"Irridu wkoll inħallu l-bieb miftuħ għal negozji li mhumiex tal-UE u li huma lesti jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-UE biex jieħdu sehem,"* ikkonkluda. (mp)

## **Il-bini tar-reżiljenza għandu jkun prijorità ewlenija għaż-żona tal-euro fl-2019**

**Fl-2019 se jkun importanti ferm li l-ekonomiji taż-żona tal-euro jibnu reżiljenza ekonomika u tas-suq tax-xogħol, filwaqt li jqisu l-perspettiva ekonomika attwali, jgħid il-KESE fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-politika ekonomika tal-**



## Kummissjoni għall-2019 għaż-żona tal-euro.

Il-bini tar-reżiljenza huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-Istati Membri jkunu kapaċi jifilħu għal xokkijiet futuri bi spejjeż ekonomiċi u soċjali limitati. Għal dan il-għan il-UEM għandha tiġi **approfondita** billi ttitlesta l-Unjoni Bankarja, jizjeddu r-riżorsi proprji tal-UE u tiġi stabbilita l-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika għaż-żona tal-euro, kif ukoll l-implimentazzjoni xierqa tal-**Pilastru Soċjali**.

L-Opinjoni tal-KESE issejjaħ ukoll għal miżuri effettivi sabiex jitnaqqas is-surplus eċċessiv, filwaqt li jizjeddu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku u l-paġi fil-pajjiżi b'suplus. Fuq perjodu medju, it-tkabbir reali tal-paġi għandu jkun proporzjonat mat-tkabbir reali tal-produttività u l-inflazzjoni.

Mhux rakkomandabbli li dawk l-Istati Membri b'dejn pubbliku għoli u marġnijiet tal-potenzjal tal-produzzjoni negattivi jew żero, jiġu mħeġġa jibnu **buffers fiskali** permezz ta' pożizzjonijiet fiskali ta' kontrazzjoni. X'aktarx li dan jipperpetwa tkabbir baxx f'dawk il-pajjiżi, mingħajr ma jgħin biex jitnaqqas id-dejn pubbliku tagħhom b'ala proporzjon tal-PDG.

Il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti li l-linji gwida u l-miżuri għandhom **iħeġġu l-investiment pubbliku u jiffaċilitaw l-investiment privat**. Meta jiġu applikati r-regoli fiskali tal-UE għandha titqies l-hekk imsejja Regola tad-Deheb.

Il-bidliet tal-politika m'għandhomx jitwettqu askapitu ta' dħul għall-finanzjament tal-investiment soċjali u tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali, jew inkella b'riskju li jitbaxxew id-drittijiet soċjali u dawk tax-xogħol. Il-konverġenza 'l fuq fl-istandards ekonomiċi u soċjali għandha tiġi segwita b'mod parallell.

Fl-aħħar nett, il-KESE iħeġġeġ lill-Istati Membri biex juru l-impenn meħtieġ sabiex jегħilbu malajr id-diżgwidu li baqa' fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. (jk)

## Minkejja l-potenzjal kbir tagħha, is-suċċess tar-riforma proposta tal-VAT ma tistax tittieħed b'ħala fatt



**Sistema ġdida tal-VAT għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri trid tirrealizza l-potenzjal kollu tagħha u tillimita kwalunkwe effett negattiv possibbli fuq is-suq uniku, jgħid il-KESE fl-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet u komunikazzjoni estensiva se tkun kruċjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-proposta.**

Il-KESE jikkunsidra li r-riforma proposta hija pass kruċjali biex ttitlesta s-sistema definittiva tal-VAT għall-intaxxar ta' oġġetti fil-kummerċ B2B abbażi tal-prinċipju tad-destinazzjoni. Jemmen li l-qafas il-ġdid jista' jwassal għal benefiċċji tanġibbli għan-negozji..

"“Ir-riforma jista' jkollha impatt pożittiv fuq in-negozji u t-tkabbir tagħhom, iżda s-suċċess tagħha ma jistax jitqies b'ħala fatta”, qal ir-relatur **Krister Andersson**. “Ir-Regoli jridu jiġu

implimentati kif suppost, u l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali jridu jintensifikaw il-kollaborazzjoni ta' kuljum tagħhom filwaqt li jimpenjaw ruħhom f'kampanja ta' komunikazzjoni,” huwa spjega. ”

Filwaqt li r-riforma se tbiddel it-tassazzjoni tal-kummerċ transfruntier B2B fil-prodotti, is-servizzi se jkomplu jiġu ntaxxati taħt reġim differenti. Peress li dan x'aktarx joħloq problemi, il-KESE jitlob li ssir esplorazzjoni ta' kif sistema li tkopri ż-żewġ oqsma tista' tiġi introdotta malajr kemm jista' jkun.

“Mod komuni biex jiġu ntaxxati l-prodotti u s-servizzi jkun aktar favorevoli għat-tkabbir u aktar effettiv kontra l-frodi,” qal il-korelatur,“ said co-rapporteur **Giuseppe Guerini**.

Fl-Opinjoni tiegħu l-KESE jstabbilixxi rakkomandazzjonijiet prattiċi dwar kif ir-riforma tista' tiġi implimentata u jitlob lill-Kummissjoni biex tiċċara d-dispożizzjonijiet proposti għall-Punt Uniku ta' Servizz u għall-persuna taxxabbli ċċertifikata. Huwa jesprimi tħassib dwar il-ħolqien ta' ostakli ġodda għall-SMEs u n-negozji l-ġodda. Fl-aħħar nett, il-KESE jirrakkomanda investiment adegwat f'assi ta' ħardwer u softwer tal-IT sabiex jiġi żviluppat b'mod xieraq OSS (Punt Uniku ta' Servizz) solidu u affidabbli. (jk)

## Seduta tal-KESE tħeġġeġ għal soluzzjoni globali għat-tassazzjoni fl-ekonomija diġitalizzata



**Soluzzjoni effettiva u globali għall-intaxxar tan-negozji fl-ekonomija diġitalizzata bil-għan li tiġi evitata azzjoni unilaterali ulterjuri u biex jiġi żgurat it-tkabbir sostenibbli, l-investiment, iċ-ċertezza tat-taxxa u l-ġustizzja, kienet it-talba tal-esperti internazzjonali tat-taxxa u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili waqt seduta li l-KESE organizza fid-29 ta' Jannar.**

Il-kelliema ta' livell għoli qablu li soluzzjoni globali biss tista' tkun effettiva, kemm f'termini ta' regolamentazzjoni kif ukoll ta' governanza, u laqgħu d-dibattiti għaddejjin b'ħalissa b'ħala parti mill-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS).

Il-parteċipanti ddiskutew approċċi possibbli għall-intaxxar tan-negozji fl-ekonomija diġitalizzata, li b'ħalissa qed jiġu diskussi b'ħala parti minn dan il-qafas, inklużi sistemi ġodda għall-allokazzjoni tad-drittijiet tal-intaxxar internazzjonali (b'ħall-parteċipazzjoni tal-utenti, l-assi intanġibbli tal-kummerċjalizzazzjoni u preżenza ekonomika sinifikanti), u l-kapaċità tal-pajjiżi li jeżerċitaw id-drittijiet tat-tassazzjoni f'każijiet tal-BEPS.

Kien propost li l-possibbiltà li tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-taxxa fi ħdan is-sistema tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha tiġi esplorata bis-sħiħ u li kienet meħtieġa definizzjoni komuni għall-kunċett ta' ħolqien tal-valur. Barra minn hekk, ġie deċiż li kien hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi eżaminat aktar jekk soluzzjoni tat-taxxa fuq id-dħul iffukata fuq l-allokazzjoni fiskali tad-dħul hijiex preferibbli minn soluzzjoni tat-taxxa fuq il-konsum.

Il-kelliema ħeġġew li jiġu osservati ċerti prinċipji fundamentali bħall-evitar ta' tassazzjoni doppja, is-semplċità, iċ-ċertezza u l-ugwaljanza meta jitfasslu regoli ġodda. Metodoloġija simplifikata se tkun kritika għad-diversi partijiet involuti u mekkaniżmi ġusti u effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim iridu jiġu żviluppati u implimentati. Huma jirrakkomandaw ukoll aktar analiżi ekonomika tal-impatt tal-proġett BEPS u l-impatt potenzjali ta' kwalunkwe miżuri futuri li jistgħu jiġu implimentati.

Is-sejbiet tas-seduta se jikkontribwixxu għal [opinjoni fuq inizzjattiva proprja](#) mfassla mir-relatur **Krister Andersson**, li hija mistennija li tiġi adottata fil-plenarja ta' Lulju. (jk)

## **Ewropa Kreattiva 2021-2027: Il-KESE jappella għal żieda fil-baġit u promozzjoni speċjali taħt Orizzont 2020**



**Is-settur kreattiv fl-Ewropa għandu potenzjal kbir, iżda jeħtieġ aktar appoġġ biex jiżviluppa b'mod sħiħ u jsir attur kompetittiv serju fis-suq dinji. Fergħat oħrajn, inklużi l-industrija tat-tessuti, tat-turiżmu, tal-karozzi, tal-kostruzzjoni u tas-saħħa, jibbenefikaw ukoll minn settur kulturali u kreattiv ambizzjuż.**

"Minħabba l-interessi importanti li jirrappreżenta s-settur - iż-żamma tal-wirt kulturali tagħna, il-promozzjoni tal-valuri tagħna, ir-rivitalizzazzjoni, l-innovazzjoni, id-divertiment, l-impjegi u t-tkabbir sostenibbli - il-baġit propost ta' EUR 1,85 biljun huwa baxx wisq", targumenta s-Sinjura [Butaud-Stubbs](#), ir-relatur tal-[Opinjoni tal-KESE](#) fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027.

"Ir-rivoluzzjoni diġitali toffri opportunitajiet ġodda sakemm aħna ninvestu ħin fl-edukazzjoni, is-softwer u t-tagħmir", iżid il-korelatur [Zbigniew Kotowski](#). Il-KESE qed jappella għal baġit speċifiku taħt Orizzont 2020 sabiex jisfrutta l-potenzjal tal-innovazzjoni enormi tal-fergħat tal-industrija kreattiva.

Proposti oħrajn tal-KESE jinkludu:

- strateġija tal-UE ċara għall-industrija kulturali u kreattivi (CCIs) kemm għas-suq uniku kif ukoll għall-politika esterna biex tiżied il-kompetittività;/li>
- studju kwantitattiv u kwalitattiv indipendenti dwar l-effetti ta' fużjonijiet kbar fis-settur awdjoviv tal-Istati Uniti fuq is-suq Ewropew;
- żieda ta' **EUR 80 miljun għall-qasam transsettorjali** sabiex jiġu meġhuna d-desks tal-Ewropa Kreattiva ħalli jipromovu l-programm f'pajjiżhom u **jaħdmu għal panorama medjatiku pluralistiku u diversifikat, ġurnaliżmu ta' kwalità u litteriżmu medjatiku.** (sma)

## **Wasal iż-żmien li ma nibqgħux nitnikktu f'silenzju fil-Jum Internazzjonali ta' Tifkira tal-Olokawst**



minn Luca Jahier

Hekk kif qed inħejju biex nikkommemoraw il-Jum Internazzjonali ta' Tifkira tal-Olokawst, ftit li xejn nistgħu nibqgħu kalmi fil-luttu tagħna. Pjuttost milli nosservaw is-silenzju peress li l-aktar luttu profund huwa solitarju, inħossu l-bżonn li ngħajtu.

Għalfejn l-anti-Semitiżmu mhuwiex mejjet, la fl-Ewropa u lanqas fl-Istati Uniti? Għaliex fi Franza s-sena l-oħra kien hemm superstita tal-Olokawst li ġiet ferita b'arma ppuntata u mietet maħruqa fl-appartament tagħha? Għaliex is-sena ta' qabel l-għalliema tal-kindergarten irtirata, Sarah Halimi, ġiet assassinata u wara ġiet mixħuta mill-gallerija tagħha f'Pariġi?

Pariġi. Toulouse. Malmo. Kopenhagen. Berlin. Brussell. L-umanità tagħna hija mtabba' b'demm innoċenti. Xi ħaġa li ħsbna inimaginabbli qed titturmentana għal darb'oħra.

Il-Lhud tal-Ġermanja ngħataw parir li ma jibqgħux jilbsu l-kippah minħabba biża' ta' attacchi. It-tfal tal-iskola Lhud Franċiżi ġew avżati biex ma jattendux skola lokali deskritta bħala anti-Semita. Ma' dan irridu nżidu l-profanazzjoni taċ-ċimiterji, l-iswastikas miżbugħin fuq is-sinagogi u l-iskejjel, il-Lhud jissejġu "xadini u ħnieżer" f'manifestazzjonijiet anti-Iżraeljani. L-Ewropa qed turi l-wiċċ ikrah u inuman tagħha għal darb'oħra.

Sekli ilu, il-Lhud ġew ipperseġwitati bħala minoranza reliġjuża. Fl-aħħar seklu, il-Lhud kienu meqjusa bħala theddida għall-Istat, u għalhekk ix-xewqa li jinqerdu fl-Olokawst. Illum, il-Lhud huma fil-mira l-aktar minħabba avvenimenti fil-Lvant Nofsani, għalkemm xi sentimenti anti-Semitiċi jikkonċernaw ukoll iċ-ċaħda tal-Olokawst.

Ħafna Lhud qed jibdedw iġarrbu l-piż ta' popolazzjoni rrabjata u qed iħossuhom frustrati, imċaħħda mid-drittijiet tagħhom u mingħajr setgħa. Il-popolazzjoni Lhudija fl-Ewropa qed tonqos. Skont id-data tal-UE, din naqset minn madwar 1.12 miljun fl-2009 għal 1.08 miljun fl-2017. Il-popolazzjoni Lhudija ta' Franza, l-akbar waħda fl-UE, naqset minn madwar 500 000 fl-2002 għal 456 000 fl-2017. Il-Lhud qed jittilqu minħabba reati ta' mibegħda.

Madwar terz tal-Lhud Ewropej jevitaw li jattendu avvenimenti jew iżuru siti Lhudin minħabba li ma jħossuhom sikuri. Disgħa minn kull 10 Lhud Ewropej jemmnu li l-anti-Semitiżmu żdied matul dawn l-aħħar ħames snin, skont stħarriġ li sar f'Diċembru li għadda mill-Kummissjoni Ewropea.

Skont 89 fil-mija tas-16 300 ta' dawk li wiegħbu għal dan l-istħarriġ, li sar fl-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit - it-12-il pajjiż li jospitaw 96 fil-mija tal-Lhud Ewropej - l-anti-Semitiżmu huwa l-aġħar u l-aktar problematiku fuq l-internet u n-netwerks soċjali.

Ma nistgħux inħallu din il-kruha tiġi lura. Jeħtieġ li niġġieldu r-reati ta' mibegħda u l-imġiba ostili u vjolenti fir-rigward tal-Lhud u l-minoranzi. Kwalunkwe nuqqas min-naħa tal-Istati Membri tal-UE tagħna jew tal-komunità internazzjonali li jaġixxu, u li jaġixxu fil-pront,

se jirriskja ritorn lejn l-atroċitajiet tal-imgħoddi u l-kontaminazzjoni tas-soċjetajiet tagħna.

Kif għe rrapportat b'mod wiesa', tlett ijiem biss qabel il-qtil ta' Pawel Adamowicz fi Gdańsk, ixxandret satira anti-Semitika fuq it-televiżjoni matul il-ħin bl-aktar telespettaturi. Fis-satira, l-organizzazzjoni tal-karità li stiednet lis-Sur Adamowicz għall-avveniment fejn inqatel għe murija bħala mmexxija minn forzi opaki.

Is-Sur Adamowicz kien difensur qawwi tad-drittijiet tal-minoranzi fi żmien ta' livelli dejjem jżiedu ta' reati ta' mibegħda. Kien ukoll kritiku liberali akkanit tal-politiki kontra l-immigranti tal-partit konservattiv fil-gvern. Il-qtil tiegħu jservi bħala tfakkira li ridu nwaqqfu d-diskors ta' mibegħda jekk irridu nevitaw li nisfaw vittmi ta' mibegħda.

Li niftakru fil-vittmi tal-Olokawst u l-atroċitajiet Nażisti sar aktar importanti illum il-ġurnata. L-Olokawst huwa legat li jiddefinixxi l-istorja Ewropea u t-tfakkira tax-Shoah huwa mezz importanti ta' prevenzjoni tal-anti-Semitiżmu.

Kif enfazzat minn xi studjużi tal-istorja, wasal iż-żmien għal kultura Ewropea kritika ta' tfakkira aktar milli kultura nazzjonali individwali ta' tfakkira. Jekk ma niftakrux flimkien bħala Ewropej, nirriskjaw li ngħixu mill-ġdid l-iżbalji tal-passat.

Aktar kemm nistennew biex neqirdu d-diskors ta' mibegħda u aktar ma ndumu biex naċċettaw l-imgħoddi tagħna, aktar se jkun diffiċli li tinbena memorja Ewropea kollettiva ġdida u ġenwina, u tinħoloq identità ġdida, ibbażata fuq id-diversità, sens ta' storja komuni, appartenenza komuni u fl-aħħar nett destin komuni.

Kif kiteb Primo Levi, awtur ta' *If this a man* u l-essay postuma *The black hole of Auschwitz* fl-aħħar ktieb tiegħu: "Seħħ, jista' jerġa' jseħħ."

## Aħbarijiet mill-Gruppi

### [Proġetti ta' min iħaddem għall-Prezidenza Rumena](#)



mill-grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

**Il-koeżjoni, valur komuni Ewropew - dan huwa l-islogan tal-Prezidenza Rumena tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ewwel nofs tal-2019. Il-grupp ta' Min Iħaddem jara għadd ta' sinerġiji bejn il-prijoritajiet tal-Prezidenza Rumena u l-għanijiet**

**politiċi tiegħu stess. Huwa għalhekk li l-Grupp qed jippjana l-avveniment matul il-prezidenza, li jiffoka fuq l-intraprenditorija.**

F'April, il-Grupp ta' Min Iħaddem ser jorganizza konferenza ta' livell għoli dwar il-mudell tal-intraprenditorija Ewropea, li se ssir f'Bukarest taħt il-patroċinju tal-President tar-Rumanija f'kooperazzjoni mal-organizzazzjoni tal-impjegaturi Rumani. L-avveniment se jiddiskuti l-futur tal-politika tal-SMEs, inkluża l-ħtieġa għal viżjoni ġdida u miżuri addizzjonali kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE biex jappoġġjaw l-intraprenditorija u l-SMEs. L-impjegaturi jemmnu li l-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-kompetittività tal-SMEs bħala politika matura, proattiva u effettiva tista' ssaħħaħ lill-Ewropa u tagħmilha aktar kapaċi tindirizza l-isfidi li qed tiffaċċja bħalissa. (lj)

### [Il-grupp tal-Ħaddiema tal-KESE jilqa' l-ftehim dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata](#)



mill-grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

**Fl-24 ta' Jannar il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri laħqu [ftehim dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata](#) directive. "Dan il-ftehim huwa pass konkret biex il-ħajja tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw Ewropej issir aktar faċli," qal Gaby Bischoff, il-president tal-Grupp tal-Ħaddiema fil-KESE.**

Il-Grupp tal-Ħaddiema mexxew id-diskussjonijiet dwar it-tisħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema b'responsabbiltajiet ta' kura fi ħdan il-KESE flimkien permezz tal-[Opinjoni tiegħu dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri li jaħdmu u għall-persuni li jindukraw](#) peress li t-trade unions kienu qed jirsistu għal din l-inizjattiva leġiżlattiva bħala parti integrali tal-Pilastru Soċjali Ewropew biex jinkiseb progress soċjali għaċ-ċittadini Ewropej.

"Aħna nilqgħu l-ftehim billi dan se jikseb progress billi jintroduċi 10 ijiem liv tal-paternità tul iż-żmien tat-twelid. Dan il-liv jitħallas fl-istess livell ta' liv minħabba mard għall-missirijiet jew għal imsieħba oħra ekwivalenti, u b'hekk jintlaħaq l-għan tal-proposta li jżieded involviment tal-missirijiet/tal-imsieħba. L-ommijiet u l-missirijiet huma intitolati għal-liv tal-ġenituri, li jitħallsu f'livell "adegwat". Din kienet kwistjoni ewlenija ta' kampanja għat-trade unions sabiex tgħin lill-ġenituri jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Barra minn hekk, in-nies li jieħdu ħsieb persuni morda se jkunu jstgħu jieħdu liv ta' ħamest ijiem", qal **Gaby Bischoff**.

"Il-politiki tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma għodod li jippermettu lin-nisa u lill-irġiel jagħmlu l-għażliet li jibded minn kundizzjonijiet ekwi," qalet **Erika Koller**, ir-relatur għall-Opinjoni. "Dan il-ftehim mhuwix soluzzjoni maġika li se ssolvi kollox, iżda ċertament huwa pass fid-direzzjoni t-tajba." (ppr)

### [Soċjetajiet barra l-metropoli: Ir-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata biex jiġi ffaċċjat il-populiżmu](#)

Mill-Grupp L-Ewropa: diversità < b'saħħtu > Il-Populiżmu fl-UE bħalissa tinsab fl-ogħla livelli mis-snin 1930. In this context, the EESC's Diversity Europe Group has carried out a study on *Societies Outside Metropolises: the Role of Civil Society Organisations in Facing Populism*, which is now available online. L-istudju jidentifika fatturi li jinfluwenzaw l-għażliet taċ-ċittadini favur il-





## Editor:

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma:

Chloé Lahousse (cl)  
Daniela Marangoni (dm)  
David Gippini Fournier (dgf)  
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Katerina Serifi (ks)  
Laura Lui (ll)  
Leszek Jarosz (lj)  
Marco Pezzani (mp)  
Pablo Ribera Paya (prp)  
Silvia M. Aumair (sma)

## Koordinazzjoni globali:

Agata Berdys (ab)  
Katerina Serifi (ks)

## Indirizz:

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040 Brussell, il-Belġju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema bħala s-sors u tintbagħat link lill-editor.